MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1504/2004

**GasanMamo Insurance Limited C 3143 kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Maria Victoria Chircop u l-istess Maria Victoria Chircop (ID No.241772M)**

**vs**

**Edward Axisa**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Lulju, 2004 fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u sitta u tmenin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm786.50), rapprezentanti danni li sofrew l-atturi, u dana in kwantu ghas-somma ta' seba' mija u wiehed u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm761.50) lis-socjeta` attrici assikurattrici u s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) lill-attrici Victoria Chircop u dana meta**

**l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru KAD-221 fit-3 ta' Lulju, 2003 fil-limiti ta' Santa Venera habat mal-vettura numru AAP-043 proprjeta` tal-attrici Maria Victoria Chircop u kkaguna danni f'din l-istess vettura.**
**Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.**
**Bl-ispejjez, komrizi dawk tal-parir (Lm15.00) u tal-ittra ufficjali datata 12 ta' April, 2004 kontra l-konvenut (zewg notifiki) u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut, bl-imghax kontra l-istess konvenut mid-data tal-ittra ufficjali tat-12 ta' April, 2004, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-2 ta' Settembru, 2004 fejn intqal:**
**i. illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, stante lli l-eccipjent mhux responsabbli ghall-incident izda kien is-sewqan perikoluz, negligenti u n-nuqqas ta' attenzjoni da parti ta' l-attrici Maria Victoria Chircop l-uniku kagun ta' l-incident;**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici trid tipprova l-ammont ta' danni sofferti;**
**iii. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa proceduralment inaccettabbli li bhala spejjez jigu wkoll indikati l-ispejjez tal-parir hekk kif indikat fit-talba attrici;**
**Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Edward Axisa u Maria Victoria Chircop. Ha in kunsiderazzjoni d-dokumenti esebiti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Din il-kawza tirrigwarda ncident li sehh fit-3 ta' Lulju, 2003 ezatt malli tohrog mill-mina ta' Santa Venera ghat-toroq li jaghtu ghal Marsa u ghall-Imdina. L-incident sehh bejn il-vettura bin-numru AAP 043**

**misjuqa minn Marvic Chircop u l-vettura bin-numru KAD 221 misjuqa mill-konvenut Edward Axisa.**

**2. Jirrizulta illi z-zewg vetturi kienu mexjin fl-istess direzjoni meta kienu fil-mina. L-attrici riedet taqbad it-tieni mina u skond ma tghid hi xeghlet l-indicator biex turi li kienet ser tmur lejn il-lemin. Minhabba t-traffiku naqset mill-velocita', u malli ghamlet hekk tghid li qalghet daqqa fuq wara. Id-daqqa kienet tali illi nqala' s-seat u l-karozza mxiet wahedha u spiccat kwazi fil-bicca li taghti lejn il-Marsa. Skond l-attrici l-konvenut wara l-incident beda jallega li hi waqfet u bidlet id-direzjoni.**

**3. Il-konvenut kien miexi fil-karreggjata ta' barra u jikkonferma li quddiemu kien hemm il-karozza ta' l-attrici. Skond il-konvenut kienet ser tipprocedi biex tidhol fit-tieni mina meta f'salt daret lejn il-Marsa u sehhet il-kollizzjoni.**

**4. It-Tribunal hu sodisfatt illi fil-fatt il-konvenut baqa' diehel fl-attrici minn wara. Jirrizulta illi ma giex pruvat illi l-attrici ghamlet il-manuvra li qed jallega l-konvenut. Li kieku hi tassew ghamlet din il-manuvra ma kienetx tispicca kif indikat fil-*front to rear report* Dok MC 1 u lanqas ma kienet tispicca kif indikat fid-Dok EX 1. Kieku tassew hi mmanuvrat f'salt biex tikser id-daqqa kienet tkun aktar fuq il-genb milli fuq wara.**

**5. Jekk wiehed jara d-dokument a fol 10 tal-process, li hu s-*survey* jirrizulta illi d-danni fil-vettura ta' l-attrici kienu fuq wara.**

**6. Jinghad ukoll illi l-konvenut kellu obbligu illi jzomm *a proper look out* ghat-traffiku ta' quddiemu. Kellu obbligu li jara li jekk il-vettura ta' quddiemu tieqaf jew tnaqqas fil-velocita' hu jkollu hin adekwat biex jieqaf.**

**7. Definittivament fic-cirkostanzi l-konvenut naqas milli jaghmel dan u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli ghal dan l-incident.**

**8. Id-danni huma dawk li jirrizultaw skond l-avviz u fil-fatt skond verbal tal-11 ta' Novembru, 2004 ma hemmx kontestazzjoni dwarhom.**

**Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut minhabba sewqan negligenti da parti tieghu, t-Tribunal jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici seba’ mija wiehed u sittin lira u hamsin centezmu (Lm761.50) u lill-attrici Maria Victoria Chircop is-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00). Bl-imghaxijiet dekorribbli mit-12 ta’ April 2004.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza komprizi dawk tal-parir (Lm15.00) u ta’ ittra ufficjali datata 12 ta’ April 2004 kontra l-konvenut (b’zewg notifiki) u ta’ ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma’ l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------